TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

**CCT52/15/MS**

**Frances Galea**

**vs**

**J&E Service Line Ltd.**

Illum. 9 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Ra t-talba tar-rikorrenti tal-4 ta' Marzu 2015 fejn talbet il-dan it-Tribunal li jikundanna is-socjeta' intimata J&E Service Line Ltd li tirrifondi is-somma ta' €420 - prezz ta' forn li kien difettuz li kienet xtrat minghand is-socjeta intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tal-11 ta' Marzu 2015 fejn innegat kwalunkwe responsabilta' u tenniet li t-talba tar-rikorrent kellha tkun michuda.

Ra l-verbal tal-1 ta' Gunju 2015 fejn gie mahtur tekniku biex jirrelata dwar it-talba tar-rikorrent, wara li jiehu konjizzjoni tar-risposta tas-socjeta' intimata.

Ra illi t-tekniku ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fil-15 ta' Ottubru 2015.

Ra l-atti kollha tal-process.

**Ikkunsidra**

Illi fit-3 ta' Frar 2014 ir-rikorrenti xtrat forn minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' erba mija u ghoxrin Euro (€420.00) b'sentejn garanzija. Wara xi ftit zmien ir-rikorrenti bdiet tinduna illi l-forn kien qieghed isaddad u ilma kien qed iqattar fuq il-parti ta' isfel tal-*kitchen cabinet.*

Illi t-tekniku ikkonstata illi fuq in-naha ta' gewwa tal-forn kien hemm '*coating failure*' u fejn kien jilqa' l-fwar, kien qed jissaddad u ghalhekk iqattar l-ilma illi ghamel hsara lil *cabinet* tal-injam. Irrizulta wkoll illi anke l-ixkafef ma joqghodux sewwa fil-forn. Kien hemm ukoll sadid fuq in-naha ta' gewwa tal-bieba taht il-hgieg. B'konsegwenza ta' dan, is-sieq tal-injam tal-cabinet wera sinjali ta' hsara bl-ilma. Ta min isemmi li s-socjeta' intimata biddlet il-bieb tal-forn b'wiehed gdid, pero' l-problema baqghet tippersisti u anke l-bieba l-gdida kien hemm sinjali ta' sadid.

Illi t-tekniku kkonkluda illi dan it-tip ta' sadid u problem bl-ilma ma kellhomx jirrikorru fuq apparat prattikament gdid, aktar u aktar meta jidher illi l-ilma huwa problema kronika bl-uzu tal-forn. Dana mhuwiex konduccibbli ghal *'good practice'* ghal forn domestiku mixtri gdid.

Illi fl-ahhar nett, it-tekniku ikkonkluda illi *'the oven is not performing up to good engineering design practice and makes the oven not fit for its intended use'*.

Is-socjeta' intimata giet notifikata bis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2015 fejn hija setghet taghmel d-domandi u kummenti taghha dwar ir-relazzjoni teknika (li ukoll kienet giet notifkata lilha). Pero' ma dehrux u ghalhekk it-Tribunal kellu jhalli il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi n-nomina tal-perit tekniku saret peress li t-Tribunal m'ghandux is-sengha sabiex jiddeciedi kwistjonijiet teknici bhal dawn. Ta min ighid illi n-nomina giet suggerita u approvata mis-socjeta' konvenuta li madankollu ma ghamlet l-ebda risposta ghall-konkluzjonijiet peritali.

It-Tribunal ma ghandu l-ebda ragun ghaliex ghandu jiddubita mill-konkluzjonijiet teknici u mhijiex fil-mansjoni tieghu illi jikkontradixxi tali konkluzjonijiet la m'ghandux opinjoni ohra fuq x'hiex jaqa'.

Ghalhekk it-Tribunal ser jilqa' dawn il-konkluzjonijiet illi huma favur it-tezi tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrent jiddikjara illi l-forn minnu mixtri minghand is-socjeta' intimata ma kienx tajjeb ghall-uzu li kien intenzjonat u konsegwentement jordna l-isocjeta' intimata illi jirrifondi s-somma ta' erba mija u ghoxrin Euro (€420.00) lir-rikorrent, bid-dritt li s-socjeta' intimata tiehu lura l-forn in kwistjoni. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru